# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 7 ta' Marzu 2024**

**Rikors ġuramentat numru 1383/2024AB fl-ismijiet:**

**Marlow Navigation Co. Ltd**
**vs.**
**Il-Bastiment "MSC Bilbao" (IMO 9301495)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta rikorrenti fejn hija inter alia ppremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi crew members illi isimhom huwa indikat fl-elenku hawn anness u mmarkat bħala "Dok B" taw servizz bħala membri ta' l-ekwipaġġ abbord il-bastiment Intimat u dan matul il-perjodi indikati fl-istess dokument, għal liema servizz tali membri ta' l-ekwipaġġ kien ħaqqhom salarju, bonus u ammonti oħra relati ma' l-istess servizz illi taw abbord il-bastiment Intimat;

2. Illi bis-saħħa ta' diversi skritturi privati illi l-membri ta' l-ekwipaġġ iffirmaw (separatament) mas-soċjeta' rikorrenti (kopji ta' l-imsemmija skritturi privati qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok C1 sa C 17), tali dritt għas-salarji, bonuses u ammonti oħra fl-ammont komplessiv ta' disa' mija u erbat elef ħames mija disgħa u sebgħin ewro erba' ċenteżmi (€904579.04c) ġie assenjat u trasferit lir-rikorrent nomine. Dawn id-diversi ċessjonijiet ġew rikonnoxxuti mill-operatur tal-bastiment MS "MSC BILBAO" Schiffahrtsgesellschaft GmbH qua

bareboat charterer permezz ta' ittra datata għaxra (10) ta' Novembru 2023 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala "Dok D").

3. Illi, inoltre, is-soċjeta' rikorrenti rendiet u qed trendi crewing services lill-operatur tal-bastiment MS "MSC VALENCIA" Schiffahrtsgesellschaft GmbH qua bareboat charterer - liema servizzi qed jiġu provduti in konnessjoni ma' l-operat ta' l-istess bastiment intimat ai termini ta' ftehim datat disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar, 2021 u li kopja tiegħu qed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dok E" - għal liema crewing services is-soċjeta' rikorrenti ħarġet diversi kontijiet fl-ammont globali ta' sitt mija sitta u ħamsin elf sitta u tmenin ewro sebgħa u sebgħin ċenteżmi (€656,086.77c);

4. Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat bonarjament lill-imsemmi operatur tal-bastiment diversi drabi permezz ta' emails (kopji hawn annessi u mmarkati bħala "Dok. F1 u F2") mibgħuta lilu u lill-manager tiegħu Hammonia Reederei GmbH & Co. KG sabiex iħallsu l-ammont komplessiv dovut lilha ta' miljun ħames mija u sittin elf sitt mija ħamsa u sittin ewro wieħed u tmenin ċenteżmi (€1,560,665.81) rappreżentanti (i) kemm is-salarji hawn fuq imsemmija oriġinarjament dovuti lill-ekwipaġġ u sussegwentament assenjati lis-soċjeta' rikorrenti u anke' (ii) servizzi reżi mis-soċjeta' rikorrenti għall-operat tal-bastiment kif premess supra - iżda minkejja tali interpellazzjonijiet, l-operatur xorta waħda baqa' inadempjenti u li għalhekk kellha ssir il-kawża odjerna;

5. Illi s-soċjeta' r-rikorrent nomine għandha dritt tipproċedi in rem kontra l-bastiment Intimat sabiex tiġi saldata a favur tagħha s-somma kumplessiva ta' miljun ħames mija u sittin elf sitt mija ħamsa u sittin ewro wieħed u tmenin ċenteżmi (€1,560,665.81) liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut.

6. Illi in kawtela tal-pretenzjonijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti toħroġ mandat ta' arrest kontra l-bastiment Intimat u l-Qorti laqgħat it-talba rikorrenti bil-mandat ta' arrest fl-istess ismijiet premessi bin-numru 2190/2023;

7. Illi s-somma kumplessiva mitluba hija spjegata aktar fid-dettall fil-prospett hawn anness u mmarkat bħala "Dok G" liema prospett jindika wkoll l-ammonti oriġinarjament dovuti f'dollari Amerikani li għal finijiet ta' dina l-kawża ġew konvertiti f'Ewro skont ir-rata tal-kambju tal-għoxrin (20) ta' Novembru 2023 ossia id-data meta ġie intavolat il-mandat ta' arrest fl-ismijiet premessi bin-numru 2190/2023.

8. Illi sa fejn jaf ir-rikorrent nomine, il-bastiment Intimat m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tal-istess rikorrent nomine u għalhekk jeżistu ir-raġunijiet kollha skont il-liġi biex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tipproċedi għad-deċiżjoni bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Għaldaqstant, jgħid għalhekk il-bastiment Intimat għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet hawn fuq premessi:**

a. **Tipproċedi għad-deċiżjoni tagħha bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

b. **Tiddikjara li l-Bastiment Intimat għandu jħallas ir-rikorrent nomine s-somma kumplessiva ta' miljun ħames mija u sittin elf sitt mija ħamsa u sittin ewro wieħed u tmenin ċenteżmi (€1,560,665.81);**

c. **Tordna u tikkundanna lil-Bastiment Intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine s-somma ta' miljun ħames mija u sittin elf sitt mija ħamsa u sittin ewro wieħed u tmenin ċenteżmi (€1,560,665.81).**

**Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju nru. 2190/2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv kontra l-bastiment Intimat, li rappreżentanti tiegħu huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.**

Rat li l-kawża ġiet appuntata għas-smiegħ għat-13 ta' Frar 2024 f'liema seduta l-bastiment intimat ġie ordnar jidher biex jirrispondi għat-talba;

Rat id-dokumenti li ġew mehmux mar-rikors promotur, inkluż :

1. Il-prokura awtentikata favur tal-Avukat Jan Rossi sabiex jidher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta rikorrenti fir-rigward tat-talbiet imresqin b'dan ir-rikors;
2. Excel Sheet li tindika s-salarji li ġew imħallsin lill-ekwipaġġ;
3. Elenku ta' assenjazzjonijiet
4. Ittra tal-bareboat charterer
5. Crew hire contract
6. Kopja ta' emails mibgħuta mis-soċjeta rikorrenti
7. Prospett.

Rat ukoll li matul is-seduta tat-13 ta' Frar 2024 il-Qorti semgħet ix-xiehda tal-Kaptan tal-Bastiment "MSC Bilbao" li xehed bil-mezz tal-video-konferenza fejn filwaqt li huwa kkonferma li ma kellux kuntatti mas-sidien tal-bastiment, minn naħa tiegħu stqarr li l-ammonti reklamati mis-soċjeta rikorrenti kienu fil-fatt ġew imħallsin lill-ekwipaġġ u li allura l-ammonti reklamati kienu dovuti.

Rat l-affidavit ta' Johannes Jurgen Hermann Meyering, direttur tas-soċjeta rikorrenti fejn ikkonferma l-fatti li taw lok għal din il-proċedura, inkluż li s-soċjeta rikorrenti kienet, fuq ftehim milħuq mal-bareboat charterers provdiet l-ekwipaġġ għall-bastiment de quo kif ukoll li kienet ħalset is-salarji, bonuses u spejjeż dovuti lill-ekwipaġġ għax-xogħol u servizzi tagħhom abbord il-bastiment, b'dan però li minn naħa tagħhom dawn il-membri tal-ekwipaġġ imbagħad assenjaw il-jeddijiet tagħhom lis-soċjeta rikorrenti biex din tkun tista' tipproċedi biex tirkupra dawk il-krediti minflokhom. Intant is-soċjeta rikorrenti saħqet li għaliha d-debitur kienet u tibqa' l-bareboat charterer kemm fir-rigward tas-salarji imħalsa lill-ekwipaġġ kif ukoll għal dak li jirrigwarda "crew management fees" għal "crew management services" li kienu reżi mis-soċjeta rikorrenti lil bareboat charterers. Iżda minkejja d-diversi tentattivi biex dawn l-ammonti jiġu mħallsin, il-bareboat charterers baqgħu inadempjenti u b'hekk is-soċjeta rikorrenti kellha tipproċedi in rem kontra l-bastiment de quo.

Rat il-kumplament tad-dokumenti eżebiti.

Rat li matul is-seduta msemmija, Dr. Abigail Bugeja għall-bastiment "MSC Bilbao" kif ukoll għall-Bareboat Charterers MS "MSC BILBAO" Schiffahrtsgesellschaft GmbH iddikjarat li ma kienetx qegħda tikkontesta t-talba biex il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ filwaqt li ddikjarat li ma kellhiex difiża xi tressaq għall-bastiment "MSC Bilbao" kif ukoll għall-Bareboat Charterers MS "MSC BILBAO" Schiffahrtsgesellschaft GmbH.

Qieset ukoll li matul dik is-seduta kienu dehru wkoll Dr. Joseph Camilleri u Dr. Nicholas Valenzia li previa li ddikjaraw li kienu qegħdin jidhru għas-sidien tal-bastiment, "AM Asia M 13 Ltd", huma preżentaw nota datata 13 ta' Frar 2024 ta' "MSC Bilbao" ai termini tal-artikolu 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fejn talbu lil Qorti jikkontestaw it-talba biex il-kawża tinstema' bi proċedura sommarja speċjali kemm minħabba li dik il-proċedura ma kienetx tapplika għall-każ preżenti kif ukoll għaliex kellha eċċezzjonijiet xi tressaq.

Rat però li b'digriet mogħti illum stess, din il-Qorti qieset li l-argumenti sollevati mir-rappreżentanti tas-sidien tal-bastiment fil-konfront tal-bareboat charterers jistgħu jagħtu lok għal proċeduri fil-konfront ta' dawn tal-aħħar; iżda, fid-dawl tan-natura tat-talba tar-rikorrent, li saret ukoll fil-viġenza tal-bareboat charter agreement li d-dekorrenza tiegħu mhux kontestat mis-sidien, l-argumenti imresqa minnhom f'din l-istanza ma humiex biżżejjed biex ikunu jistgħu jtuhom il-jedd li jidhru **<u>wkoll</u>** għall-bastiment de quo biex jikkontestaw it-talba magħmula in rem - ġaladarba l-bastiment kien diġa qiegħed jiġi rappreżentat mill-bareboat charterers li, salv prova kuntrarja (li ma tressqitx f'dan il-każ) huma preżunti li għandhom il-kontroll sħiħ u pussess komplet tal-bastiment de quo sakemm idum in-nolleġġ u bl-obbligi li jitnisslu mill-bareboat charter agreement u mill-liġi; b'hekk qieset li s-sidien ma kellhomx locus standi iudicii f'din l-istanza biex jidhru wkoll għall-bastiment u jikkontestaw it-talba rikorrenti f'isem is-sidien dan il-każ, mingħajr ħsara però għal kwalunkwe jedd li huma jista' jkollhom fir-rigward tan-noleġġjaturi fil-forum appożitu.

Illi f'dan l-isfond, il-Qorti tqis li t-talbiet tas-soċjeta attriċi huma mistħoqqa u għandhom jiġu milqugħa.

# DECIDE

**Għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara l-bastiment intimat għandu jħallas lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' miljun ħames mija u sittin elf sitt mija ħamsa u sittin ewro wieħed u tmenin ċenteżmi (€1,560,665.81);**
3. **Tordna u tikkundanna lil-Bastiment Intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine s-somma ta' miljun ħames mija u sittin elf sitt mija ħamsa u sittin ewro wieħed u tmenin ċenteżmi (€1,560,665.81).**

**Bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra l-bastiment intimat, inklużi dawk tal-Mandat ta' Arrest Kawtelatorju nru. 2190/2023, u bl-imgħax dekorribbli sad-data tal-pagament effettiv.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**